## Xerred il-messaġġ

Dawn l-għajnuniet mibnija fuq il-kelma SMART inkitbu speċifikament għat-tfal biex ifakkruhom joqogħdu attenti meta jkunu fuq l-Internet, b'mod speċjali meta jkunu qed jikkomunikaw ma' nies li ma jafuhomx. Qatta' xi ftit ħin tiddiskuti magħhom dawn il-kwistjonijiet u mur fuq ***www.kidsmart.org.uk*** biex ikollok aktar tagħrif fid-dettal.

**S – Safe** Ikollok sigurtà sħiħa meta tkun attent il-ħin kollu u ma tagħti lil ħadd ismek, l-indirizz, in-numru tal-*mobile* tiegħek, isem l-iskola li tattendi jew il-*password* tiegħek meta tkun *online*.

**M – Meeting** Li tiltaqa' ma xi ħadd li tkun ikkuntattjajt fuq l-Internet jista' jkun perikoluż ħafna. Dil-biċċa xogħol għamilha biss bil-permess tal-ġenituri tiegħek jew ta' min qed jieħu ħsiebek, u qis li jiġu miegħek.

**A – Accepting** Jekk taċċetta *emails* jew tiftaħ *files* ġejjin mingħand nies li ma tafhomx jew li ma tafdax, tista' tidħol f'ħafna inkwiet. Jista' jkun fihom xi *viruses* jew messaġġi mhux xierqa.

**R – Remember** Ftakar dejjem li min hu *online* jista' jkun qed jigdeb u għandu mnejn li mhuwiex il-persuna li qed jippretendi li hu. Jekk tħossok skomdu meta tkun qed tiċċettja jew tibgħat il-messaġġi, aqta' l-kuntatt mill-ewwel.

**T – Tell** Informa lill-ġenituri tiegħek jew lil min qed jieħu ħsiebek jekk xi ħadd jew xi ħaġa qed iddejqek jew tinkwetak.

"L-internet huwa meraviljuż; mezz ta' tagħlim, komunikazzjoni u divertiment għal kulħadd. Tajjeb li napprezzaw il-potenzjal tiegħu filwaqt li nifhmu kif negħlbu xi perikli li jista' jkun hemm."

**Karmen Tedesco**
*Kap ta' skola u omm*



## Aktar pariri u riżorsi



Il-*website Kidsmart* għandha aktar riżorsi u taħriġ għall-ġenituri, għalliema u tfal, fosthom l-attivita' "*Net Detectives*".
**www.kidsmart.org.uk**



*Chatdanger.com* - pariri siewja għat-tfal u l-ġenituri dwar kif jużaw iċ-*Chat Rooms* mingħajr perikli.
**www.chatdanger.com**



Is-sit *Cable and Wireless Childnet Awards* għandu vetrina ta' aktar minn 100 proġett interessanti maħluqa minn żgħażagħ u għalliema.
**www.childnetawards.org**



Is-"*Cybercafe*" tal-*Gridclub* jagħti dettalji dwar l-*Internet Proficiency Scheme*, użata l-Ingilterra għall-iskejjel primarji, li wkoll jagħmlu użu mir-regoli SMART.
**www.gridclub.org**



### Fuljett b'xejn għat-tfal

Jeżisti fuljett apposta għat-tfal.
Dan jista' jinġieb b'xejn billi ċċempel lid-
**Dipartiment tat-Teknoloġija fl-Edukazzjoni**
**Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**
Tel: 2598 2805


Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol

Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u Investiment Malta

MEGABYTE & ORACLE · Maltacomgroup · BOV · Malta Post


Kid Smart
www.kidsmart.org.uk



# uliedek u l-internet... taf daqshom?

**gwida ta' sigurtà fuq l-internet għall-ġenituri**